**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 4/07(31_05_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Mejju 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier wasal għal-laqgħa fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-25 ta' Mejju 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
6. Il-Bajja tax-Xlendi.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Inġinier Stephen Ferrito, Operations Manager, MEPA fejn qed jistieden lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendu għal *forum* li huma ser jorganizzaw rigward siti mhux mibnija/*boundary walls*. Dan il-*forum* ser isir fl-1 ta' Ġunju 2007, f' Universita' Gozo Centre.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Lilian Vassallo, Information & Communication Assistant, Kummissjoni Ewropea Rappreżentanza f' Malta fejn tat xi informazzjoni rigward proġett bl-isem ta' 'What can the EU do for your city? Find the answers in the European Commission's new guide'.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Joyce Shepherd-Thorn, Director, MCAST fejn informat lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin ser jinġabu kopji tal-Prospectus tal-korsijiet għas-sena 2007/2008 sabiex imbagħat l-istudenti tal-*Form* 5 u xi membri tal-pubbliku oħra jiġu jiġbru l-kopja tagħhom mill-Kunsill. Hija spiegat ukoll il-mod li bih għandhom jiġu mqassma dawn il-Prospectus.

2.04 Il-Kunsill irċieva kopja ta' stqarrija li ntbagħtet lill-Mezzi tax-Xandir Nru 20/2007 – 'Fuq Inizjattiva tal-AKL: Rispons Pożittiv Favur il-Ħajja mill-Ġdid fil-Masġar tal-Mellieħa' miktuba mis-Sur Michael Cohen, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Anthony Boyianzis, Servjent Agostinjan, Grupp Madonna taċ-Ċintura fejn informa lill-Kunsill li ser jorganizzaw irtir f' Għawdex mill-25 sas-27 ta' Mejju u għandhom il-ħsieb li jagħmlu Laqgħa ta' Talb fis-26 ta' Mejju fix-Xlendi, fuq ix-Xatt.

2.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02481/07 – *To carry out internal alterations and add first floor*, fi Triq il-Kavallieri, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, Request to be present at the DCC- Division A. Il-Kunsill ġie informat li Applikazzjoni Nru: PA 01150/00 – *To clear water course from accumulated debris,* fil-Wied tax-Xlendi, Xlendi ser tkun fuq l-Aġenda tal-Laqgħa li ser issir fit-22 ta' Mejju 2007, fis-1.30pm.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Deborah Pace, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Devoluzzjoni ta' Plot 45, Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina', fejn saret referenza għall-ittra li l-Kunsill kien bagħat fejn talab għajnuna sabiex jinstab post alternattiv lill-Pulizija li qed jokkupaw parti minn dan il-*plot* u talbet lill-Kunsill sabiex jinforma lil dan id-Dipartiment jekk kienx hemm xi żviluppi f' dan ir-rigward.

2.09 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija, datata t-Tlieta, 15 ta' Mejju 2007 bl-isem ta' 'Il-Kunsilliera Nazzjonalisti f' Tal-Pieta' jikkundannaw l-attitudni tas-Sindku u l-Maġġoranza Laburista', miktuba mis-Sur Malcolm Mifsud u Ms Annhelica Scerri, Kunsilliera, Kunsill Lokali Pieta',

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra li Ms Deborah Pace, Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet lid-Dipartiment tal-Artijiet b' kopja lill-Kunsill Lokali Munxar u lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern rigward 'Devoluzzjoni ta' Kiosk fi Pjazza l-Anfori, Xlendi'. Hija talbet sabiex dan id-Dipartiment jiġi informat bis-sitwazzjoni attwali.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2007 mingħand is-Sur Silvio Frendo, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Taħriġ relatat mal-Proċess għall-Bidla għall-Ewro' li ser jiġi organizzat għas-Segretarji Eżekuttivi bejn l-4 u s-6 ta' Ġunju 2007.

2.12 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk34/2007 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Kampanja Favur it-Tħawwil ta' Siġar'. Saret referenza għal Ċirkulari 33/2007, ingħatat l-informazzjoni neċessarja ta' kif għandhom isiru l-kontribuzzjonijiet u tħabbar li l-post fejn ser issir din l-attivita' huwa ħdejn it-Torri l-Aħmar, limiti tal-Mellieħa.

2.13 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 1004/07 – *To sanction rooms and carry out additions*, fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat, Gozo Joint Committee for Law Enforcement fejn ħabbar li ser tinżamm laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Qala nhar it-23 ta' Mejju 2007, fejn ser tiġi diskussa l-offerta ta' dan il-Kuntrattur fir-rigward tas-servizz tal-Gwardjani Lokali.

2.15 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali datat 2 ta' Mejju 2007 bit-tema ' Reġistru Elettorali Ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern'.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Marisa Darmanin, Personal Assistant, Transport Planning Unit, MEPA fejn informat lill-Kunsill li l-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi ma hijiex konformi mal-kriterji sabiex tirċievi fondi mill-Urban Improvement Fund pero' tista' jibbenefika mill-fondi tal-EIPP u għaldaqstant hija qed tgħaddi l-każ lis-Sur Alex Camilleri sabiex il-Kunsill jibda jikkorrispondi miegħu dwar dan il-każ. Sadanittant talbet lill-Kunsill sabiex jissottometti applikazzjonijiet oħra li huma konformi mal-kriterji għal fondi tal-Urban Improvement Fund.

2.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk/31/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ' Kommemorazzjoni f' Għeluq is-Sitt Sena mill-Mewt ta' Sur Joe Cassar', li ser issir fl-10 ta' Mejju 2007, fil-Knisja ta' Santa Marija, Bubaqra, Żurrieq.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02038/07 – *To sanction variations in elevation and to construct five penthouses*, fi Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 02291/07 – *To amend PA250/05 and PA5985/02 by sanctioning slight increase in height of ground floor of part of the building* fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dun Giovanni Curmi mid-Djoċesi ta' Għawdex fejn stieden lill-Kunsill għall-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr, fil-5 ta' Ġunju 2007 fis-7.15pm fil-Knisja tal-Katidral, fl-okkażżjoni tal-miġja tar-Relikwa tal-Qaddies fid-Djoċesi tagħna u informa lill-Kunsill li fis-6.30pm ser titlaq Translazzjoni Solenni mill-Bażilika ta' San Ġorġ għall-Katidral bir-Relikwa ta' San Ġorġ Preca.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Rita Abela, Principal, Police General Head Quarters rigward l-Għassa tal-Pulizija tax-Xlendi. Hija ħabbret li din ser tibda tkun miftuħa mill-20 ta' Mejju 2007.

2.21 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02618/07 – *Proposed flats, garages and penthouses*, fi Triq San Xmun, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.22 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk45/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ' Laqgħa ma' l-ET Mons Arċisqof ta' Malta, Pawlu Cremona'. Huwa bagħat il-Programm ta' din il-laqgħa li ser issir fil-21 ta' Ġunju 2007, fl-Mdina.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Norman Vella, Xarabank team fejn ħabbar li Xarabank ser jagħmel programm fuq l-effetti li ħalliet l-isħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-ewwel tliet snin ta' sħubija u għal dan il-għan qed jistħarrġu kif il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex intlaqtu b' dan il-pass li ħa pajjiżna. Il-Kunsilli ġew mitluba sabiex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u jipparteċipaw f' dan il-programm.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement fejn informa lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bid-data, l-post u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat. Huwa bagħat ukoll kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fl-20 t' April 2007, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.25 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk40/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward it-twaqqif tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (LAG's) u l-proġett LEADER iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Huwa bagħat dettalji dwar kif il-Gvern identifika l-istruttura għal funzjoni ta' dawn il-LAG's u ħeġġeġ lill-Kunsilli sabiex jinvolvu ruħhom.

2.26 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija, datata l-Ġimgħa, 27 ta' Mejju 2007 bl-isem ta' 'Is-Sindki Nazzjonalisti Maltin u Għawdxin jipprotestaw dwar il-mod partiġjan li qed jitmexxa l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali', miktuba mis-Sur Malcolm Mifsud, President, Kulleġġ tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Giovanni N Zammit, Gozo Motor Show 2007 Coordinator fejn ħabbar li l-Gozo Motor Show ta' din is-sena ser issir fl-10 ta' Ġunju 2007, fil-Villa Rundle. Huwa bagħat ukoll il-programm ta' din l-okkażżjoni.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Lucien Stafrace, MEPA rigward l-Urban Improvement Fund. Ġie imħabbar l-ammont ta' flus li ser jingħata lill-Munxar u lix-Xlendi u d-deċiżjonijiet tal-MEPA rigward kif għandhom jitħaddmu dawn il-fondi u liema proġetti huma eliġibbli.

2.29 Il-Kunsill irċieva Memo 11/2007 mingħand is-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Pubblikazzjoni mid-Dipartiment dwar Proġetti mill-Kunsilli Lokali Kollha'. Huwa informa lill-Kunsilli bit-tip ta' informazzjoni rilevanti għal dan il-ktejjeb u talab lill-Kunsilli sabiex jibgħatu din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr minħabba li l-informazzjoni miġbura tkun trid tiġi editjata qabel ma jiġi ppubblikat il-ktejjeb f' Ottubru 2007.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fondazzjoni Kenn u Tama. Din il-Fondazzjoni twaqqfet biex tagħti sapport lill-familji bit-tfal li jkollhom bżonn tal-kura barra minn Malta. Għal dan il-għan l-istess Fondazzjoni qiegħda torganizza attivitajiet soċjali, biex primarjament tagħti għajnuna finanzjarja lill-familji bit-tfal imsemmija. Ser tiġi organizzata Maratona ta' ġbir ta' fondi nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007. Huma qed jistiednu talent mil-lokalita' u sapport finanzjarju. Ġie deċiż li l-Kunsill ma huwiex f' pożizzjoni li jgħin finanzjarjament, iżda kien ser jirreferi lill-Organizzaturi, persuni b' talent mil-lokalita'.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand il-Pulizija tax-Xlendi fejn dan informa li fil-*boatyard* tax-Xlendi hemm żewġt karrijiet, dgħajsa żgħira mkissra u xi ħadid sabiex jitneħħew. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Fisheries Section.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kan. Giovanni B Cremona, Rettur tal-Knisja Madonna tal-Karmnu, Xlendi fejn qed jistieden lill-Kunsilli t' Għawdex sabiex jorganizza attivita' fil-Bajja tax-Xlendi u permezz ta' din l-attivita', il-Kunsill ikun qed jirriklama l-lokal kif ukoll inkomplu nkabbru t-talent t' Għawdex filwaqt li tkun qed tingħata għajnuna biex aktar nies iżuru l-Bajja tax-Xlendi. Il-Kunsill bħal snin l-imgħoddija kien ser jaħseb biex jorganizza xi attivitajiet fix-Xlendi.

3.04 Il-Kunsill qed jiġi mitlub mill-MEPA sabiex issir garanzija ta' Lm2,500 rigward it-talba għall-permess biex il-Wied tax-Xlendi ikun jista' jitnaddaf. Ġie deċiż li din il-materja tiġi rreferuta lill-Perit Saliba.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Ko-ordinatur Kulturali għal Għawdex. Huwa informa lill-Kunsill li l-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għandu l-ħsieb li jorganizza attivita' kulturali u popolari bbażata fuq jumejn bħala 'Merħba lis-Sajf'. Ix-xewqa tal-Kunsill tal-Kultura hija li din l-attivita' tiġi organizzata fix-Xlendi nhar is-Sibt, 30 ta' Ġunju u l-Ħadd, 1 ta' Lulju 2007. Għalkemm diġa' għandhom xi ħsibijiet dwar x' tip ta' programm jista' jiġi organizzat biex din l-attivita' tkun waħda li tiġbed attendenza tajba ta' Għawdxin, Maltin u Turisti, jixtiequ li anke' l-Kunsill tal-Munxar ikun involut b' mod dirett fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' biex tkun waħda li tittella' bil-kollaborazzjoni taż-żewġ entitajiet. Huma qed jissuġġerixxu li l-Kunsill jikkonsidra din il-proposta u jekk il-Kunsill ikun interessat għandha ssir laqgħa sabiex jinbdew it-tħejjijiet neċessarji. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ikkuntatja lis-Sur Kevin Sciberras sabiex jiġi fil-laqgħa tal-Kunsill iżda dan jinsab imsiefer.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur David Apap – Tourism Zone Officer għal Għawdex. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar *bus shelter* fit-Triq tax-Xlendi li tinsab imkissra. Huwa talab li ssir laqgħa mal-Kunsill fil-preżenza tar-Rappreżentanti mill-Ministeru għal Għawdex sabiex naraw in-nuqqasijiet li jeżistu ġewwa l-Bajja tax-Xlendi biex inkunu fil-ħin u nippreparaw għas-Sajf. Il-laqgħa kienet diġa' saret u ser jingħata rapport mis-Sindku fir-rapport tiegħu.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Romina Scerri mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informat lill-Kunsill li s-Sur Frans Gafa' jista' jiġi rilaxxat biss minn mal-Kunsill jekk il-Kunsill jirrinunzja li jkollu l-ħaddiema ta' l-ex Water Services Corporation assenjati miegħu. Ġie deċiż li din is-sitwazzjoni ma hijiex aċċettabbli għal Kunsill u jekk is-Sur Gafa' jixtieq li jmur mal-Kunsill tal-lokalita' tiegħu dan għandu jsir u jiġi *replaced* b' ħaddiema oħra.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 4/07(31_05_07).

**5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-lokalita'.**

5.01 Is-Sindku ta rendikont tax-xogħlijiet li saru u li qed jitwettqu fil-preżent. Ir-*road markings* tax-Xlendi u Munxar inżebgħu u qed jitkompla x-xogħol ta' *railings* fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun. Ix-xogħol ta' toroq fid-daħla tal-Munxar ħa spinta u qed jitkompla b' ritmu mgħaġġel. Is-Sindku kiteb ittra u *e-mail* lill-Perit inkarigat mix-xogħlijiet fejn informah li l-livelli ma għadhomx l-istess u importanti li l-ilma tax-xita jibqa' jieħu l-via ta' qabel.

Il-Ħadd tan-Notte Gozitana, l-Kuntrattur ta' ġbir ta' skart intalab biex jagħmel ġabra fix-Xlendi.

**6.00 Il-Bajja tax-Xlendi.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sur David Apap – Tourism Zone Officer għal Għawdex, l-Inġinier Bajada Rappreżentant tal-Ministeru għal Għawdex inkarigat mix-Xlendi u s-Sur Joseph Sciberras Uffiċjal mill-Works Department. Wara l-laqgħa fil-Kunsill, saret *site inspection* fix-Xlendi. Il-Latrina tax-Xlendi hija lesta u jonqos biss tabella fuq barra u l-mirja f' kull *Toilet*. L-istatwa ta' Sant' Indrija reġgħet tqaxxret u hemm il-bżonn li l-Kunsill jerġa' jixtri ż-żebgħa u jinkera *high up* biex ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Beach Cleaners. Instabet problema rigward il-knis ta' toroq in-naħa t' isfel tax-Xlendi peress li dawn it-toroq ma nkinsux. L-Inġinier Bajada ntalab jieħu l-passi meħtieġa. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu u l-Perit Saliba kienu marru x-Xlendi sabiex jaraw jekk dak il-ħajt li qed jissepara Triq Sant' Indrija mill-*Boatyard* jistax jiġi spostjat. Skond il-Perit Saliba biex dan ix-xogħol isir għandha ssir *full development application.*

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda laqgħa tal-Kumitat Konġunt. F' din il-laqgħa ġie deċiż il-Kuntrattur li ser jipprovdi s-servizz ta' Gwardjani Lokali. Is-servizz lill-Kumitat Konġunt ser jogħla iżda servizz speċjali mill-Gwardjani baqgħu l-istess.

7.02 Is-Sindku kien attenda flimkien mal-Perit John Saliba għal-laqgħa tad-DCC rigward l-Applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jitnaddaf il-Wied tax-Xlendi. Fuq talba tal-Perit, il-Garanzija Bankarja tniżżlet minn Lm5,000 għal Lm2,500 u l-pont li nbena mingħajr permess mill-Gvern Ċentrali ma huwiex inkluż fil-kundizzjonijiet.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kontrarjament għal dak li ġie deċiż fil-laqgħa li għaddiet, il-Kunsill ma jistax iħallas għan-nar ta' l-art tal-festa. Dan qed jgħidu wara li għamel il-verifiki.

**8.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

8.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri ilmenta li dak il-bank li twaħħal fuq il-bankina fi Triq Munxar huwa żgħir ħafna u ma joqgħodux aktar minn żewġt persuni. Huwa talab li jsir ieħor. Ġie deċiż li jerġa' jinxtara bank ieħor sabiex jitpoġġa fejn dak li hemm fuq il-bankina.

8.02 Is-Sur Saviour Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hekk kif jitlestew it-toroq li qed isiru fid-daħla tal-Munxar, għandu jsir żebgħa ma' l-art biex it-traffiku jkun igwidat u jiġu evitati inċidenti.

8.03 Is-Sur Saviour Spiteri talab ukoll biex fil-proġett jinstab post fejn żewġt sidien ta' barrieri jkunu jistgħu jipparkjaw it-trakkijiet. Din ser tiġi kkunsidrata aktar 'il quddiem.

8.04 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat li l-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fl-isqaq tar-rokna fi Triq Żgħawri kienu telqu u ma sarx *finish* tajjeb fuq dak ix-xogħol li sar. Hija talbet li jinstab Kuntrattur Privat biex ikompli x-xogħol. Is-Sindku rrimarka li x-xogħol mitlub huwa fi proprjeta' privata iżda dak ix-xogħol li diġa' sar u li huwa fuq art pubblika ser jiġi rranġat minn Kuntrattur Privat.

8.05 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet dwar it-talba li kienet għamlet biex bankina li qiegħda fi Triq il-Puniċi, Xlendi tinbidel u parti minn bankina fil-*parking* titneħħa. Dawn ix-xogħlijiet kienu ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

8.06 Is-Sinjura Carmen Said talbet lill-Kunsill biex dak it-taraġ fix-Xlendi li kellu jinkesa biċ-ċangatura li qed fi Triq l-Għar ta' Karolina jsir minn Kuntrattur Privat. Ġie deċiż li jinġabru stimi dwar dan ix-xogħol. Hija semmiet ukoll dwar *patching* fi Triq ix-Xlendi peress li tinstab f' kundizzjoni ħażina.

8.07 Is-Sinjura Carmen Said staqsiet dwar il-*gain* li suppost li ħallsu l-Iżviluppaturi ta' ex Andar. Il-Kunsill għadu mingħajr informazzjoni uffiċjali u għalhekk ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-MEPA, lis-Sur Silvio Farrugia.

8.08 Is-Sur Patrick Grima talab lill-Kunsill sabiex jirranġa s-sellum li hemm fil-Bajja tax-Xlendi, sewwa sew dak li jiġi fuq ġewwa. Huwa talab ukoll biex il-Kunsill ikellem lir-Rettur tax-Xlendi minħabba l-istat perikoluż taz-Zuntier tal-Knisja.

8.09 Is-Sur Mario Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikellem lir-Rettur tax-Xlendi biex jekk inhu possibbli ma jibqax jagħmel *speaker* idoqq il-banda fil-ġranet tal-festa għax qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex tiġi ffissata ġurnata biex issir il-Laqgħa tal-Lokalita' peress li din għada ma saritx. Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Lokalita' issir nhar il-Ħadd, 10 ta' Ġunju 2007, fid-9.30am għar-residenti tal-Munxar u fl-10.30am għar-residenti tax-Xlendi. Fil-Munxar issir fl-Uffiċċju Amministrattiv filwaqt li fix-Xlendi ssir fil-Lukanda St. Patrick's.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-Kunsill biex l-Għaqda tal-Mużew ta' Sannat tingħata donazzjoni fi flus peress li minn kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill, il-Kunsill qatt ma ta xi għajnuna u dan qed jingħad peress li tfal u adoloxxenti mill-Munxar jattendu l-Mużew ta' Sannat u anke' jipprovdilhom transport permezz ta' *Mini Bus*. Tkun okkażżjoni li l-Kunsill ikun qed juri rikonoxximent. Kien hemm qbil unanimu li tingħata donazzjoni ta' Lm150.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li peress li l-istaġun tas-Sajf kien daqt jibda, l-Kunsill irid jieħu ħsieb ikellem lill-Awtoritajiet konċernati biex sidien ta' dgħajjes u karrijiet jintalbu jneħħuhom mill-*Parking* tax-Xlendi. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Pulizija.

9.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li preżentament il-persuna li tnaddaf il-Kunsill darba fil-ġimgħa qed titħallas Lm1.75 kull siegħa, VAT inkluża. Din ilha titħallas hekk għal dawn l-aħħar erba' snin u qed jissuġġerixxi li b' effett immedjat tibda titħallas Lm2.00 kull siegħa VAT inkluża. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

9.05 Is-Sur Charles Grech mill-Malta Tourism Authority kien ċempel il-Kunsill sabiex il-Kunsill jikteb uffiċjalment dwar proposta tas-Sindku li jsir post jissakkar fix-Xlendi biex sidien ta' stabbilimenti ta' l-ikel jitfgħu *swill* hemm. Ġie deċiż li għalissa ma jsirx peress li s-Sur David Apap – Tourism Zone Officer għal Għawdex qed jikkunsidra li l-Malta Tourism Authority tagħmel servizz għax-xhur tas-Sajf lil dawn l-istabbilimenti.

9.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jirċievi diversi ilmenti minn residenti tax-Xlendi li ma huwiex qed isir knis ta' toroq fix-Xlendi. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp u lil Inġinier Bajada.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Is-Sindku, s-Sur Joseph Sultana ssuġġerixxa biex il-Kunsill jibda jorganizza *minibus* għall-festi fl-irħula kull nhar ta' Ħadd. Kull min ikun interessat għandu jinkiteb il-Kunsill sal-Ġimgħa u jrid ikun hemm mhux anqas minn ħames persuni. Kull persuna tintalab tħallas 25ċ.

10.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex żewġt *trips* kuljum li jsiru mix-xarabank jgħaddu mill-Munxar u dan mingħajr ma jitolbu xi ħlas *extra*.

10.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kellmu il-Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group għax għadhom qed jistennew risposta tal-Kunsill għat-talba tagħhom li kienet saret fi Frar li għadda biex il-Kunsill jisponsorja lil Scout Gerrard Mercieca peress li kien ser jattendi għall-Jamboree ta' l-Iscouts li ser isir fl-Ingilterra fl-Lulju li ġej. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti s-somma ta' Lm20.

10.04 Is-Sindku informa lill-Kunsil li sabiex id-Direttur Proġetti u Żvilupp jagħti l-konkos fl-*area* ta' quddiem Sant' Indrija fix-Xlendi, l-Kunsill irid iqaxxar il-*concrete* l-qadim peress li huma ma għandhomx *tender* għal dak ix-xogħol. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel dan ix-xogħol bil-Kuntrattur li jissupplixxi servizz bil-makkinarju.

10.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kontrarjament għal dak li qed jinkiteb dik is-CCTV li hemm fuq il-bejt tal-Kunsill ma hijiex tikser il-privatezza ta' terza persuna peress li l-istess CCTV hija mgħammra b' lenti qawwi li l-*Bring in Sites* turihom *close up* u l-*camera* hija fissa. Dwar dan kien diġa' ġie ikkonsultat l-Avukat tal-Kunsill fejn ikkonfera li ma hemm xejn illegali.

10.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li mar biex ikellem il-persuna li qed toqgħod fi *flat* li d-daħla tiegħu hija minn Ġnien Ragalna peress li l-ħaddiem li jieħu ħsieb dan il-ġnien qed jilmenta li qed ikun hemm ħmieġ ta' klieb kemm fil-passaġġ kif ukoll fil-ħamrija. Din il-persuna reġgħet talbet biex il-Kunsill iżid bozza tad-dawl quddiem id-daħla tagħha. Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill biex imorru fil-post u jaraw eżattament din x' qed titlob.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2007, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***